**STQARRIJA MINISTERJALI TAL-PRIM MINISTRU ROBERT ABELA B'RABTA MAL-INTERVENT FIL-PLENARJA TAL-KUNSILL TAL-EWROPA TAL-25 TA' ĠUNJU U MAL-KUNSILL EWROPEW TAS-26 TA' ĠUNJU 2025**

Sur President, matul il-ġimgħa li għaddiet kelli numru ta' impenji barra minn pajjiżna. L-ewwel bdejna b'dak fi Strasburgu (Franza), relatat mal-Presidenza tagħna tal-Kunsill tal-Ewropa. Hemmhekk kellna numru ta' laqgħat, imbagħad wara bqajna sejrin Brussell, fil-Belġju, fejn l-ewwel kellna s-Summit tal-GAVI, imbagħad l-għada kellna l-Kunsill Ewropew.

Nibda b'dak li seħħ fi Strasburgu, fejn kelli l-ewwel laqgħat bilaterali mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa Alain Berset, u kif ukoll mal-President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) Theodoros Roussopoulos. Kellna wkoll numru ta' attivitajiet li nżammu mid-delegazzjoni Maltija, u hawnhekk xtaqt nagħti t-tislima tiegħi kemm lill-organizzaturi kif ukoll l-artisti li ħadu sehem.

Mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll mal-President tal-PACE, it-temi ewlenin li ddiskutejna kienu l-prioritajiet tal-Presidenza Maltija. Iddiskutejna, fost l-oħrajn, il-youth empowerment, li għalija hija ta' prijorità ewlenija li npoġġu liż-żgħażagħ fiċ-ċentru tal-politika tagħna, li nrawmu fihom sens ċiviku b'saħħtu u li jifhmu li huma mhux biss il-mexxejja ta' għada imma wkoll il-mexxejja tal-lum.

Imbagħad kien hemm xi ħaġa li verament laqtitni fiż-żewġ inkontri li kellna; din kienet ir-rispett li jgawdi pajjiżna fit-tmexxija ta' dawn l-istituzzjonijiet. Fil-fatt, is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa rrimarka miegħi illi l-Kunsill kien iħossu privileġġjat li qed igawdi mill-esperjenza li għandu pajjiżna li jmexxi dawn it-tip ta' istituzzjonijiet.

Infakkar illi f'dawn l-aħħar xhur konna fdati bil-presidenza u b'siġġu mhux permanenti fi ħdan il-United Nations Security Council, imbagħad bil-presidenza tal-OSCE (Organization for Security and Co-operation in Europe) f'mument kritiku għal dik l-organizzazzjoni, anke għaliex ħadd mis-57 Stat Membru ma seta' jaqbel fuq min kellu jmexxiha però mbagħad qablu kollha fuq pajjiżna li kellu jmexxi hu, imbagħad issa l-Presidenza tal-Kunsill tal-Ewropa mill-14 ta' Mejju 2025 sal-14 ta' Novembru 2025.

Dan ifisser ukoll illi ġejna fdati biex immexxu dawn it-tliet istituzzjonijiet importanti proprju għaliex ir-reputazzjoni ta' pajjiżna barra minn xtutna hija waħda solida, hija waħda robusta, hija waħda b'saħħitha u ħdimna qatigħ f'dawn l-aħħar snin biex insaħħuha. Il-fatt li qed niġu fdati biex immexxu dawn l-istituzzjonijiet mhux biss tant importanti, imma f'mumenti tant sensittivi minħabba l-isfidi ġeopolitiċi, x'qed jiġri fil-Lvant Nofsani, x'qed jiġri fil-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja, fi sfidi ġeopolitiċi oħra, li proprju pajjiżna qed jiġi fdat f'dan il-mument tant sensittiv biex imexxi 'l quddiem dawn l-istituzzjonijiet.

Qabel il-laqgħat li kelli mal-President tal-PACE kif ukoll mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, kien hemm reception li fiha kelli inkontru importanti ħafna mal-President tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR), Mattias Guyomar, jiġifieri dak li huwa l-ekwivalenti tal-Prim Imħallef tal-Qorti Ewropea dwar il-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Kellna diskussjoni franka dwar l-operat tal-Qorti, dwar is-sentenzi li tagħti l-Qorti Ewropea għall-finijiet taż-żamma tal-ħarsien tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u tħadditna wkoll dwar sentenzi partikolari hekk kif jirriflettu u jittrattaw it-tema tant importanti għal pajjiżna u għall-bqija tal-Ewropa tal-immigrazzjoni irregolari. Spjegajtlu wkoll il-perspettiva tagħna, fil-każ tiegħi bħala mexxej ta' pajjiż illi huwa on the front line għal din

l-isfida minħabba l-prossimità tagħna mas-Southern Mediterranean Route u l-qagħda ġeografika ta' pajjiżna.

Filgħaxija kellna wkoll kunċert bil-parteċipazzjoni ta' KorMalta, immexxi mid-direttur artistiku Sean Buhagiar, li minn hawnhekk insellimlu tal-mod organizzat u metodiku li bih mexxa l-attivitajiet kollha li kellna.

Il-qofol ta' din iż-żjara kien fil-jum tal-Erbgħa, fejn kelli l-opportunità li fil-Hemicycle nindirizza l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill. Fost diversi temi li ttrattajt fid-diskors tiegħi, tħadditt dwar l-importanza tal-multilateraliżmu, speċjalment fiż-żminijiet verament iebsa li qed ngħixu fihom bħalissa u l-importanza tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li nfakkar li bħala pajjiż mhux biss aħna firmatarji tagħha imma tifforma wkoll parti mil-liġijiet ta' pajjiżna, il-Kap. 319.

Nemmen li rridu konsistentement naħdmu biex nissalvagwardjaw l-importanza u r-relevanza tagħha biex tkompli tkun ta' gwida soda kif kienet matul dawn l-aħħar 75 sena. Għax tajjeb li ngħid ukoll li waqt il-presidenza tagħna se jkollna l-privileġġ li fl-4 ta' Novembru 2025 niċċelebraw il-75 sena ta' din il-Konvenzjoni.

Irrikonoxxejt ukoll l-importanza tal-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi li jaqgħu fi ħdanu. Insemmi wieħed minnhom, il-Venice Commission, li tant kellna interface importanti miegħu f'dawn l-aħħar snin, li din il-Kummissjoni nistgħu ngħidu li kienet ta' gwida importanti għal pajjiżna fir-riformi storiċi istituzzjonali u kostituzzjonali li għamilna numru ta' snin ilu fir-rwol konsultattiv tagħha.

Imbagħad, xħin għalaqt id-diskors tiegħi, kien hemm l-opportunità illi nieħu numru ta' domandi. Naturalment ma tkunx taf il-kontenut tagħhom imma l-ewwel ikollok il-format tal-ħames gruppi politiċi, kull wieħed jagħmillek id-domandi tiegħu, imbagħad ħadt numru ta' domandi oħrajn mill-Membri Parlamentari. Kien hemm ukoll żagħżugħ Malti li għamilli d-domanda tiegħu.

Din kienet diskussjoni interessanti ferm. Trattajna t-tema tal-immigrazzjoni irregolari, ir-rwol kruċjali taż-żgħażagħ fis-soċjetà, il-protezzjoni tal-ibħra u l-ekonomija l-blu, fejn ħabbart, fost l-oħrajn, illi fi ftit tax-xhur oħra pajjiżna se jkun qiegħed għall-ewwel darba, permezz tal-Water Services Corporation, joħroġ l-ewwel blue bonds li qatt kellna f'dan il-pajjiż. Tħadditna wkoll dwar ir-riformi kbar li għamel pajjiżna fis-saltna tad-dritt – ir-rule of law – kif ukoll naturalment dwar il-gwerra fil-Lvant Nofsani u dak li qed jiġri bħalissa bejn l-Ukrajna u r-Russja.

Matul din iż-żjara pparteċipajt ukoll f'numru ta' avvenimenti oħra li kkommemoraw il-Presidenza Maltija. Hemmhekk stajt nara r-rwol uniku illi taw tant u tant Maltin ta' talent, jiġifieri l-artist Malti biż-Zieme, u l-istudenta tal-MCAST fil-Graphic Design li għamlet id-disinn u ġiet magħżula bħala l-aqwa disinn tal-Presidenza tagħna b'kollaborazzjoni mal-Maltapost.

Hawnhekk nieħu l-opportunità li nirringrazzja kemm lid-Deputat Prim Ministru Ian Borg tal-ħidma tiegħu, kif ukoll lill-Ambaxxatriċi Francesca Camilleri Vettiger tal-ħidma dedikata tagħna u anke lit-tim żgħir imma effiċjenti immens illi għandha għaliex f'dawn il-jumejn ħassejtni verament kburi bir-rwol li għandu pajjiżna. Konna tant organizzati, tant metodiċi u kollox mexa ħarir. Xtaqt ukoll nirringrazzja lill-Membri Parlamentari, lill-Whip tagħna l-Onor.

Naomi Cachia, lill-Onor. Michael Farrugia u lill-Onor. Omar Farrugia tal-biċċa xogħol tajba li qegħdin jagħmlu.

Wara dawn l-impenji fi Strasburgu, l-Erbgħa waranofsinhar morna immedjatament fi Brussell, fejn attendejna għal summit importanti tal-GAVI. Hemmhekk kien hemm numru ta' mexxejja li għamlu l-interventi tagħhom u wieħed minnhom kont jien.

Il-GAVI hija l-Alleanza tal-Vaċċini, fejn għandek ukoll il-kollaborazzjoni mal-Bill Gates Foundation, u hemmhekk spikka x-xogħol imprezzabbli li qed tagħmel din l-Alleanza biex twassal il-vaċċini lil miljuni ta' tfal madwar id-dinja, l-aktar lil dawk li huma l-inqas privileġġjati u l-aktar li jeħtieġu għajnuna.

Meta tara l-istatistika li ġiet ippreżentata waqt dan is-summit, turik id-differenza enormi li għamel il-vaċċin fit-tnaqqis tar-rata ta' mortalità ta' tfal ta' taħt il-ħames snin. Dik hi xi ħaġa li verament turik kemm verament meta jkollok dan l-isforz konġunt bejn gvernijiet fuq naħa waħda u l-privat fuq in-naħa l-oħra, wieħed jista' joħloq inizjattivi ta' ġid. Infakkar illi l-GAVI hija Alleanza li ilha teżisti 25 sena u għamlet differenza pożittiva enormi fil-ħajja ta' tant mijiet ta' eluf ta' persuni.

Ladarba qed nitkellmu fuq il-vaċċin bilfors ikolli nagħmel referenza għall-pandemija. Pajjiżna dakinhar kien ikkontribwixxa b'għotjiet tal-vaċċin u f'dan is-summit ħabbart li għall-ewwel darba, pajjiżna ser ikun qiegħed jagħti wkoll il-kontribut finanzjarju tiegħu għall-mira ewlenija ta' din l-Alleanza li tlaqqam 500 miljun tifel u tifla sas-sena 2030.

Waqt dan is-summit kien hemm kumment interessanti ta' wieħed mill-mexxejja Ewropej, il-Prim Ministru Grieg, illi proprju fl-aħħar sentenza tal-intervent tiegħu rrakkonta l-esperjenza personali tal-mamà tiegħu, imbagħad għalaq b'kumment fejn qal: Ġaladarba bħala Unjoni Ewropea għandna l-flus biex ninvestu tant u tant u tant fuq l-armi, għandna nsibu wkoll il-flus biex ninvestuhom fil-vaċċini għat-tfal tagħna.

Dan ċertament għalija huwa investiment mill-aktar importanti li ser jgħin biex inkomplu nnaqqsu l-imwiet tat-tfal, partikolarment dawk ta' età tenera, nipprevjenu l-pandemiji u nsaħħu s-sistemi tas-saħħa globali, u allura jimmerita li anke aħna bħala pajjiż nagħmlu l-parti tagħna u nagħtu l-kontribut tagħna għal din il-kawża tabilħaqq nobbli u ġusta.

Imbagħad fil-jum tal-Ħamis, 26 ta' Ġunju, li kien iddedikat għall-Kunsill Ewropew, qabel il-Kunsill Ewropew żammejna l-laqgħa tradizzjonali bejn numru ta' mexxejja li tittratta dwar kif se nsibu soluzzjonijiet strateġiċi u ffokati dwar l-isfida tal-immigrazzjoni. Fil-bidu nett konna grupp verament ċkejken ta' mexxejja; illum hemm il-maġġoranza assoluta tal-membri tal-Kunsill Ewropew, jiġifieri tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea illi qegħdin jinġabru f'dan il-format, li jsir qabel il-bidu tal-Kunsill formali, u qegħdin naraw li minn seduta għal oħra dan il-format qiegħed jikber. Saħansitra din id-darba kien hemm ukoll, bħal f'okkażjonijiet preċedenti, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u din id-darba attenda wkoll għall-ewwel darba l-Kanċillier Ġermaniż Merz.

L-għan ta' din id-diskussjoni u t-tiftix tas-soluzzjonijiet strateġiċi u innovattivi għal din l-isfida tal-immigrazzjoni kienet ir-raġuni għaliex twaqqaf dan il-grupp. Waqt dik il-laqgħa kulħadd għamel l-interventi tiegħu. Iddiskutejna l-aħħar żviluppi leġiżlattivi li ressqet 'il quddiem il-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari dawk marbuta mad-direttivi li jirregolaw ir-ritorn ta' dawk li ma jistħoqqilhomx ażil, u allura qed nitkellmu dwar xi ħadd li mhuwiex meritevoli ta'

ażil imma wkoll li ġej minn pajjiż meqjus ta' ritorn sigur. Iddiskutejna wkoll il-proposta li se toħloq lista komuni ta' pajjiżi ta' oriġini meqjusa bħala siguri u l-proposta li se tirrevedi l-kunċett tas-'safe third country'.

F'din il-laqgħa ħadt l-opportunità li naġġorna lill-grupp b'diskussjonijiet li kellna fi Strasburgu, fosthom l-inkontru li kelli mal-President tal-ECHR kif ukoll mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill u mal-President tal-PACE, inkluż fuq il-ħtieġa li nindirizzaw l-isfidi emerġenti relatati mal-immigrazzjoni irregolari, anke fid-dawl ta' dik l-ittra li ġiet ippubblikata minn grupp ta' disa' pajjiżi f'Mejju 2025.

Infakkar fir-reazzjoni tas-Segretarju Ġenerali Berset għal dik l-ittra, fejn kien qal illi l-ħidma tal-Qorti m'għandhiex tiġi politiċizzata. Dak huwa punt li tħaddittu mal-istess Segretarju Ġenerali u mal-President tal-Qorti Ewropea. Kien ukoll messaġġ li erġajt għaddejt f'dan il-format, li tħadditna qabel il-Kunsill Ewropew u tista' tgħid li kien hemm qbil li l-ħidma tal-Qorti m'għandhiex tiġi politiċizzata, u li ħadd mhu qed jipprova jagħmel xi pressjoni fuq l-indipendenza jew l-imparzjalità ta' dik il-Qorti. Però fl-istess waqt irridu nirrikonoxxu l-isfidi kbar li aħna nsibu quddiem wiċċna bħala mexxejja ta' pajjiżi, partikolarment li huma front line.

Sur President, insemmi punt wieħed, li huwa interessanti ferm, intervent tal-Prim Ministru Grieg. Qalilna li l-wasliet ta' immigranti irregolari fil-Greċja mil-Libja splodew f'dawn l-aħħar xhur. Aħna f'pajjiżna din is-sena kellna l-inqas numru ta' wasliet, meta l-prossimità ġeografika tagħna għal dak il-pajjiż hija dik li hi. U pajjiżna qed ikollu dawn ir-riżultati tajbin b'mod straordinarju mhux b'kumbinazzjoni, imma grazzi għall-ħidma strateġika li qegħdin inwettqu; sfida kbira ta' kuljum. Insellem lill-Ministru Byron Camilleri u t-tim kollu tiegħu għall-ħidma ffokata ħafna tagħhom.

Fit-8 ta' Lulju se nkunu qed nerġgħu nivvjaġġaw lejn il-Libja. Suppost għandu jattendi wkoll il-Kummissarju Ewropea responsabbli. Fil-fatt qalithielna wkoll il-President tal-Kummissjoni. Se nkunu aħna, il-Greċja u l-Italja li mmorru biex inkomplu nindirizzaw din l-isfida on the ground, għax hemmhekk hija l-unika soluzzjoni, li din l-isfida tindirizzaha on the ground.

Għalhekk ukoll li l-kuntest li għalaqna bih f'din il-laqgħa ta' qabel il-Kunsill Ewropew kien li se jintalbu numru ta' pariri legali u tekniċi ta' kif dawn is-soluzzjonijiet innovattivi li għandna għall-kunċett ta' immigrazzjoni irregolari, niżguraw li minn aspett ta' liġi jkunu jikkonformaw mat-trattati u mal-konvenzjonijiet separati. Kif ikollna dak il-parir legali, imbagħad nerġgħu niltaqgħu u nkomplu naslu għal soluzzjonijiet konkreti.

Sur President, fis-26 ta' Ġunju kelli wkoll laqgħa formali tal-Kunsill Ewropew. Kien Summit li għalkemm kien ta' ġurnata kellu aġenda estensiva. Ewlenija kienet id-diskussjoni dwar il-Lvant Nofsani. Hemmhekk l-intervent tiegħi, kif kien ta' oħrajn li għandhom l-istess fehma ta' pajjiżna dwar dan is-suġġett, kien li qed naraw traġedja umanitarja quddiem għajnejna. Jekk tara l-ammont ta' ħajjiet li ntilfu min-naħa Palestinjana kien f'eċċess ta' 55,000 – trabi, tfal, nisa, civilians innoċenti. Hemmhekk ħadt l-opportunità li aktar minn intervent fejn nitħaddet b'mod legalistiku jew diplomatiku wisq, irrakkontajt l-esperjenza personali li rajt f'pajjiżna meta żort il-post fejn qed nospitaw lil tant u tant tfal li ġew f'pajjiżna wara li spiċċaw bi spallejhom bil-ħadid ħiereġ minnhom, b'riġlejhom amputati, b'idejhom amputati. Meta riġlejhom ittajru bil-bombi, lanqas kienu jafu li tilfu partijiet minn ġisimhom u spiċċaw diżabilitati permanentement, tant kien kbir l-uġigħ. Dawk huma l-esperjenzi li rrakkontawlna f'pajjiżna u dawn l-esperjenzi qsamthom ma' sħabi membri tal-Kunsill Ewropew, biex nifhmu kemm ma nistgħux noqogħdu aktar siekta.

Iva, qed nitkellmu dwar il-ħtieġa li jkollna a permanent ceasefire. Dejjem konna konsistenti. Qed nitkellmu b'mod ċar dwar li ma jistax ikun li għajnuna umanitarja konsistenti f'ikel, xorb u mediċini ma tgħaddix lejn Gaża. B'hekk qed imutu tfal bil-għatx u bil-ġuħ. Qegħdin fis-sena 2025 u għandek trabi tat-twelid qed imutu bil-ġuħ u bil-għatx. Lil min tispjegaha fl-2025? Għandek nisa u tfal li qed imutu meta m'għandhom l-ebda ħtija ta' xejn, għax la għamlu ħaġa u lanqas għamlu oħra li biha setgħu kkatalizzaw l-attakki tas-7 ta' Ottubru u l-konsegwenzi u r-riperkussjonijiet u r-ritaljazzjonijiet dwarhom.

Dak kien il-messaġġ ewlieni tagħna: li jekk bħala mexxejja m'aħniex se nieħdu pożizzjonijiet konsistenti u univoċi dwar dan is-suġġett u li nkunu ebsin u nikkundannaw kemm l-attakk tas-7 ta' Ottubru mill-Hamas, kif għamilna aħna mill-ewwel; imma mbagħad li nkunu wkoll ċari li l-kunċett tad-difiża mar lil hinn mil-limiti tal-proporzjonalità, dak irridu nkunu ċari u ngħiduh ukoll. Daqs kif konna aħna, kont jien l-ewwel wieħed flimkien ma' numru ta' ministri tiegħi, li lqajna ġewwa pajjiżna l-familjari tal-ostaġġi li nħatfu dakinhar tas-7 ta' Ottubru. Uħud minnhom ġew rilaxxati, uħud minnhom tilfu ħajjithom, u wħud minnhom għadhom qed jiġu miżmuma. Aħna hemmhekk ukoll qegħdin nappellaw għar-rilaxx minnufih tal-ostaġġi kollha kemm huma. Dik hija l-pożizzjoni ċara li dejjem ħadna aħna bħala pajjiż.

Kien messaġġ li qsamtu anke qabel beda l-Kunsill Ewropew, fit-telefonata solita li qed ikollna mal-President tal-Kunsill Antonio Costa. Spjegajtlu wkoll ma' xiex iltqajna f'pajjiżna u l-esperjenzi li ġew rakkontati lilna; it-taħdita li kelli reċentement mal-Ambaxxatur Palestinjan li spjegali dak li ra waqt li huwa kien il-Palestina ftit tal-jiem ilu. Allura nemmen hemmhekk li r-rispett tal-liġi umanitarja internazzjonali mhuwiex negozjabbli, u għalhekk ma nistgħux nibqgħu siekta jekk irridu li l-Unjoni Ewropea tkun kredibbli, li ma nitilfux il-kredibbiltà tagħna, u jekk irridu wkoll li l-Unjoni Ewropea tibqa' relevanti fir-reġjun.

Sur President, matul din il-laqgħa kellna wkoll diskussjoni dwar il-prijoritajiet ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea, il-kuntest internazzjonali mhux l-inqas fid-dawl tad-diskussjonijiet intensivi li għaddejjin mal-Istati Uniti, u r-rwol li għandhom iċ-Ċina u l-ekonomiji emerġenti prominenti. Konsonanti mal-messaġġ li dejjem wassalt, sabiex l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fid-dinja, trid tibda billi tassigura li s-single market qed ipoġġi lin-nies fiċ-ċentru u li jaħdem għaċ-ċittadini kollha, jinsabu fejn jinsabu. Dan ifisser li tingħata spinta lill-produttività, li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-servizzi u l-oġġetti kritiċi u essenzjali u li jiġu indirizzati l-lakuni persistenti, inkluż fir-rigward tal-konnettività tat-trasport, suġġett mill-aktar importanti għal pajjiżna.

Bla dubju, irridu wkoll infittxu li napprofondixxu rabtiet ekonomiċi ma' pajjiżi terzi, li jkomplu jippromwovu aktar prosperità, tkabbir u ħolqien tal-impjiegi. Fuq kollox, it-tisħiħ tal-kompetittività jibqa' kruċjali fi sfond tat-tranżizzjonijiet ambjentali u diġitali mgħaġġla li għaddejjin minnhom. Hawnhekk id-direzzjoni ekonomika li qed nagħtu bħala Gvern permezz tal-Viżjoni Malta 2050 hija eżempju ċar ta' kif bħala nazzjon irridu ninċentivaw lin-negozji tagħna, inkluż dawk żgħar u medji, biex jibqgħu jkunu katalisti ta' dawn il-bidliet.

Din ir-riflessjoni fuq il-prijoritajiet ekonomiċi torbot ukoll ma' diskussjoni li daqt tinbeda dwar il-Multiannual Financial Framework li jmiss. Niftakar in-negozjati ebsin li kellna proprju ħames snin ilu. Tista' tgħid li tgħaqqad mad-diskussjoni dwar il-miri klimatiċi li rridu nilħqu sas-sena 2040, fejn il-Kummissjoni Ewropea mistennija tippreżenta l-proposti rispettivi tagħha matul dan ix-xahar.

F'din il-laqgħa tkellimna wkoll fuq temi oħrajn, inkluż dwar l-Ukrajna u r-Russja. Ħadna kont tal-aħħar żviluppi. Kien hemm ukoll videoconference mal-President Ukren Zelenskyy. Il-messaġġ tagħna jibqa' wieħed konsistenti favur aktar sforzi diplomatiċi flimkien ma' partners oħra internazzjonali biex verament nilħqu paċi komprensiv, ġust u dejjiemi.

Fl-istess ħin, ir-responsabbiltà u l-ġustizzja interġenerazzjonali għandhom jibqgħu ċentrali wkoll, u hawnhekk ma nistax ma ninnotax kif proprju ġurnata qabel is-Summit tas-26 ta' Ġunju, jiġifieri fil-25 ta' Ġunju filgħaxija lura fi Strasburgu, taħt il-Presidenza Maltija ġie ffirmat il-ftehim storiku bejn l-Kunsill tal-Ewropa u l-President Zelenskyy, li bih se jkun qed jitwaqqaf għall-ewwel darba tribunal speċjali li se jkollu l-ġurisdizzjoni dwar ir-reati ta' aggressjoni.

Dan huwa pass ieħor importanti li jkompli jibni fuq ir-rwoli li kellna fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-OSCE, kif ukoll it-taħditiet li saru f'pajjiżna dwar il-Peace Forum tal-Ukrajna. Konna ospitajniehom lura fl-2023. Pass li jixhed kif pajjiżna qed ikompli jpoġġi lill-Ukrajna fuq nett tal-aġenda multilaterali tiegħu.

Din il-laqgħa kienet ukoll opportunità biex nieħdu kont tal-iżviluppi marbuta mas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni Ewropea, fejn il-President tal-Kummissjoni Ewropea von der Leyen anke spjegat il-progress fl-implimentazzjoni tal-inizjattivi mħabbra aktar kmieni din is-sena maħsuba biex iżidu n-nefqa globali fuq id-difiża. Dan anke fid-dawl tal-konklużjonijiet tas-Summit tan-NATO li ġie fi tmiemu ftit sigħat qabel il-Kunsill Ewropew.

Bħalma għamilt f'kull okkażjoni, f'kull Kunsill Ewropew, assigurajt li l-konklużjonijiet formali tal-Kunsill Ewropew jirrispettaw kompletament in-newtralità fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna u l-obbligi tan-newtralità u n-non-alinjament li joħorġu minnha.

Sur President, waqt din il-laqgħa tal-Kunsill trattajna t-tema tal-immigrazzjoni. Ħadna kont tal-iżvilupp pożittiv bl-inizjattivi preżentati mill-Kummissjoni Ewropea. Sħaqna fuq l-urġenza li jkunu aċċellerati d-diskussjonijiet fuq dawn il-liġijiet. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, kemm dawk tal-oriġini kif ukoll tat-tranżitu, inkluż mal-Libja, tibqa' essenzjali jekk irridu nindirizzaw il-problema mill-għeruq u nassiguraw ir-ritorn effettiv ta' dawk li ma jistħoqqilhomx l-ażil. Dan huwa pilastru importanti tal-politika tal-immigrazzjoni tal-Unjoni Ewropea u hawn pajjiżna jkompli jservi ta' eżempju ċar bil-politika ta' suċċess f'dan ir-rigward. Qed nitkellem speċifikament fuq il-politika tar-ritorn ta' dawk li ma jimmeritawx l-ażil.

Fl-aħħar tal-Kunsill missejna temi oħrajn u kien hemm ukoll dawk dwar il-Moldova u l-Balkani tal-Punent, is-sigurtà u t-tħejjija interna biex insaħħu r-reżiljenza tal-Unjoni Ewropea. Grazzi.